MT


MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 3.10.2008
KUMM(2008) 636 finali

2008/0192 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom u li tirrevoka d-Direttiva 86/613/KEE

{SEC(2008)2592}
{SEC(2008)2593}

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

**Il-bażi għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-għan ta' din il-proposta huwa li tibdel il-qafas legali tal-Komunità dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi tagħhom. Din il-proposta se tħassar id-Direttiva 86/613/KEE[1] u se tkun applikabbli fir-rigward ta' dawk l-aspetti li mhumiex koperti mid-Direttivi 2006/54/KE, 2004/113/KE u 79/7/KEE, biex timplimenta b'mod aktar effettiv il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel involuti f'attività b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom, jew li qed jikkontribwixxu fit-twettiq ta' attività bħal din.

Il-Kummissjoni ħabbret reviżjoni tad-Direttiva 86/613/KEE fil-programm leġiżlattiv ta' ħidma tagħha għall-2008 (l-ipprogrammar għall-ġejjieni 2008, il-partita 2008/EMPL/021).

**Il-kuntest ġenerali**

Fir-Rapport[2] tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 86/613/KEE, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-riżultati prattiċi tal-implimentazzjoni tad-Direttiva ma kinux "għal kollox sodisfaċenti meta mqabbla mal-għan ewlieni tad-Direttiva, li kien titjib ġenerali fl-istat tal-konjuġi ta' għajnuna.'

Fil-Pjan għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tagħha[3], il-Kummissjoni ħabbret li biex ittejjeb il-governanza għall-ugwaljanza bejn is-sessi, se 'tirrevedi l-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li mhijiex inkluża fl-eżerċizzju ta' tfassil mill-ġdid (...) tal-2005 maħsuba biex ikun hemm aġġornament, modernizzazzjoni u tfassil mill-ġdid fejn meħtieġ'. Id-Direttiva 86/613/KEE ma kinitx inkluża fl-eżerċizzju ta' tfassil mill-ġdid.

F'Diċembru 2007[4], il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex "tqis il-bżonn li tirrevedi, jekk ikun meħtieġ, id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE biex tiżgura d-drittijiet relatati mal-maternità u mal-paternità ta' persuni li jaħdmu għal rashom u tal-konjuġi li jgħinuhom.'

Il-Parlament Ewropew talab b'mod konsistenti lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-Direttiva[5], b'mod partikolari biex ittejjeb il-qagħda tal-konjuġi ta' għajnuna fl-agrikoltura.

---

1 Id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE tal-11 ta' Diċembru 1986 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività, inkluża l-agrikoltura, b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom, u dwar il-protezzjoni ta' nisa li jaħdmu għal rashom waqt it-tqala u waqt li qegħdin irabbu t-tfal (ĠU L 359, 19.12.1986, p. 56).

2 Ir-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 1986 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività, inkluża l-agrikoltura, b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom, u dwar il-protezzjoni ta' nisa li jaħdmu għal rashom waqt it-tqala u waqt li qegħdin irabbu t-tfal - COM(94) 163.

3 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *Pjan għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel* - COM(2006) 92.

4 4 ta' Diċembru 2007 (Dokument SOC 385).

5 Ara l-aħħar rapport adottat mill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Marzu 2008 dwar il-qagħda tan-nisa f'żoni rurali tal-UE (2007/2117(INI), relatur Christa Klass, A6-0031/2008.

Il-Kunsill Ewropew ta’ Liżbona 2000 stabbilixxa mira strateġika għall-UE biex tinbidel fl-‘aktar ekonomija kompetittiva u dinamika msejsa fuq l-għarfien fid-dinja, kapaċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli b’aktar impjiegi li jkunu aħjar u koeżjoni soċjali akbar’.

Biex tilħaq il-mira strateġika tagħha li tippromwovi aktar impjiegi li jkunu aħjar u toffri opportunitajiet indaqs għal kulħadd, l-Unjoni jeħtieġ li żżid l-intraprenditorija b’mod ġenerali u l-intraprenditorija tan-nisa b’mod partikolari. Dan ġie rikonoxxut fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ‘L-ewwel Aħseb għaż-Żgħir’[6] u ‘Aġenda Soċjali Mġedda’[7].

**Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-Direttiva 86/613/KEE tkopri żewġ kategoriji differenti, ‘persuni li jaħdmu għal rashom’ u ‘l-konjuġi ta’ għajnuna’ tagħhom. Is-sitwazzjonijiet legali għal dawn iż-żewġ kategoriji ta’ persuni huma differenti.

Għal **persuni li jaħdmu għal rashom**, testi legali oħra li jimplimentaw il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel huma applikabbli f'ċerti żoni. Id-diskriminazzjoni fuq bażi ta’ sess hi pprojbita fis-sigurtà soċjali u elementi oħra ta’ ħarsien soċjali (id-Direttiva 79/7/KEE), skemi ta’ sigurtà soċjali marbuta max-xogħol (id-Direttiva 86/378/KEE), kundizzjonijiet għall-aċċess għal xogħol ta' min jaħdem għal rasu (id-Direttivi 2002/73/KE u 2006/54/KE) u l-aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista tagħhom (id-Direttiva 2004/113/KE).

Safejn għandhom x’jaqsmu l-‘**konjuġi ta’ għajnuna**’, id-Direttiva 86/613/KEE hija l-uniku test legali applikabbli fil-livell tal-UE.

Fl-1994 il-Kummissjoni adottat rapport[8] dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 86/613/KEE li fih ikkonkludiet: ‘F’termini strettament legali, jidher li d-Direttiva 86/613/KEE ġiet implimentata fl-Istati Membri. Madankollu, ir-riżultat prattiku mhuwiex sodisfaċenti għal kollox meta mqabbel mal-għanijiet ewlenin tad-Direttiva, li kien titjib ġenerali fl-istat tal-konjuġi ta’ għajnuna’. Ir-rapport saħaq ukoll fuq in-nuqqas ta’ politika ġenerali biex tiġi trattata l-qagħda tal-konjuġi ta’ għajnuna u spjega li “bl-għan li jkun rikonoxxut ix-xogħol tal-konjuġi (...), l-uniku mod li bih jista’ jinkiseb dan il-għan huwa li l-konjuġi jingħataw drittijiet tas-sigurtà soċjali bħala dritt tagħhom’.

**Il-konsistenza ma’ politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

L-għan ta’ din il-proposta huwa konsistenti għal kollox mal-politiki tal-UE u b’mod partikolari mal-Istrateġija ta’ Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Skont it-Trattat tal-KE, il-Komunità timmira li telimina l-inugwaljanza u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha. L-ugwaljanza bejn is-sessi tinsab fil-qalba tal-Istrateġija ta’ Liżbona: billi d-differenza bejn is-sessi f’attivitajiet ta’ persuni li jaħdmu għal rashom hija wiesgħa, it-tnaqqis tad-differenza bejn is-sessi fil-qasam tal-intraprenditorija huwa vitali jekk trid tintlaħaq il-mira tal-UE għar-rata ta’ impjiegi fost in-nisa.

---

6 COM(2008) 394.

7 COM(2008) 412.

8 Ir-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 1986 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività, inkluża l-agrikoltura, b’kapaċità ta’ impjieg għal rashom, u dwar il-protezzjoni ta' nisa li jaħdmu għal rashom waqt it-tqala u waqt li qegħdin irabbu t-tfal - COM(94) 163.

## 2. KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET INTERESSATI U STIMA TAL-IMPATT

### Konsultazzjoni

Biex iħejji din l-inizjattiva, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs fittex li jikkonsulta l-partijiet kollha li għandhom interess potenzjali f'din il-kwistjoni, kemm dawk potenzjalment affettwati mill-inizjattiva kif ukoll dawk li jkunu involuti fl-implimentazzjoni tagħha.

Għaldaqstant il-Kummissjoni kkonsultat mal-imsieħba soċjali Ewropej, partijiet interessati oħra, l-Istati Membri u l-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel.

L-organizzazzjonijiet ikkonsultati esprimew opinjonijiet diverġenti dwar ir-reviżjoni ta’ din id-Direttiva. It-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet tal-agrikoltura huma favur li tiġi emendata d-Direttiva u li tkun imtejba l-ugwaljanza bejn is-sessi għal persuni li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta’ għajnuna.

L-organizzazzjoni li tirrappreżenta l-organizzazzjonijiet agrikoli tappoġġja d-drittijiet ugwali għal impenn ugwali għall-imsieħba kollha fin-negozji tal-biedja. Min-naħa l-oħra, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-SMEs u lill-entitajiet settorjali li jħaddmu n-nies, jinsabu mħassba l-aktar dwar l-ispejjeż potenzjali ta’ kull bidla u jopponu kull bidla li tista’ żżid il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel (magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, imsieħba soċjali Ewropej u NGOs), li ġie kkonsultat ukoll, huwa tal-fehma li d-Direttiva għandha tiġi emendata biex tagħti stat professjonali ċar lill-konjuġi ta’ għajnuna, b’kopertura minn skemi ta’ ħarsien soċjali, u biex tipprovdi għal lif imħallas tal-maternità/paternità għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta’ għajnuna.

Il-Lobby Ewropew tan-Nisa jappoġġja l-fehma tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaqs. Il-Konfederazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Familja fl-Unjoni Ewropea (COFACE) tirrakkomanda bil-qawwa li ssir reviżjoni tad-Direttiva 86/613/KEE biex in-nisa li jaħdmu għal rashom jingħataw lif ta’ maternità għal tul ta’ żmien biżżejjed biex ikun żgurat li kollox jimxi sew tul tqala normali u l-irkupru fiżiku tal-omm wara ħlas normali u biex l-Istati Membri jkunu obbligati jirrikonoxxu l-kontribuzzjoni tal-konjuġi ta' għajnuna għan-negozju tal-familja u biex ikun żgurat li huma jibbenefikaw mill-istess livell ta' ħarsien soċjali bħall-persuni li jaħdmu għal rashom.

Anki l-pożizzjoni tal-Istati Membri hija altru milli unanima, b’uħud jitolbu li jitjieb il-qafas legali tal-UE, filwaqt li oħrajn jiddikjaraw li ma jaraw l-ebda bżonn li jirrevedu l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kwistjonijiet koperti mid-Direttiva jew mill-qafas legali tal-UE.

Il-Kummissjoni qieset, kemm jista’ jkun, il-pożizzjonijiet espressi matul il-konsultazzjoni, billi llimitat l-intervent għal dak li hu assolutament neċessarju biex jiġi implimentat il-prinċipju ta’ trattament ugwali u billi evalwat bir-reqqa l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għażliet politiċi differenti.

**Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

Minħabba l-ħtieġa li tiġi riveduta d-Direttiva 86/613/KEE, il-Kummissjoni talbet lin-Netwerk ta' Esperti Legali Indipendenti dwar l-applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja fuq it-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, biex jipproduċi rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva, dwar il-lakuni u d-dgħufijiet tagħha u dwar il-modi kif din titjieb[9].

Ġie kkummissjonat studju[10] biex jagħti ħarsa ġenerali lejn il-qagħda fl-Istati Membri u biex jevalwa l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' diversi għażliet politiċi.

Studji oħra ntużaw b'mod estensiv, b'mod partikolari *Good practices on social protection of new entrepreneurs and assisting partners and the impact on business creation* (Prassi tajba dwar il-ħarsien soċjali ta' intraprendituri ġodda u tal-imsieħba ta' għajnuna u l-impatt fuq il-ħolqien tan-negozju)[11].

**L-istima tal-impatt**

Ir-Rapport tal-Istima tal-Impatt qies jekk reviżjoni tad-Direttiva 86/613/KEE tkunx ta' benefiċċju, fid-dawl tal-għanijiet, li prinċipalment kienu li jtejbu l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel u jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

Ġew identifikati tliet għażliet politiċi ewlenin: l-ebda azzjoni fil-livell tal-UE, miżuri mhux vinkolanti u emenda għad-Direttiva 86/613/KEE.

Ir-rapport imbagħad ħares lejn l-impatt tat-tliet għażliet. Għal dan il-għan, l-għażla biex tiġi emendata d-Direttiva kienet maqsuma f'erba' għażliet politiċi ulterjuri (li mhumiex reċiprokament esklużivi):

– jitjieb il-ħarsien fil-każ ta' maternità

– jingħata lif biex wieħed jieħu ħsieb lil membri tal-familja

– tkun rikonoxxuta l-kontribuzzjoni tal-konjuġi ta' għajnuna

– tingħata kompetenza fil-qasam lill-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza.

Wara li analizza l-impatt ta' kull għażla, ir-rapport ikkonkluda li l-għażla li ma tittieħed l-ebda azzjoni ġdida fil-livell tal-UE ma tkun tilħaq l-ebda wieħed mill-għanijiet. Ikkonkluda wkoll li l-miżuri mhux vinkolanti għandhom jinżammu u jiġu żviluppati iżda ma kinux alternattiva għall-emendar tad-Direttiva. Ir-reviżjoni tad-Direttiva tqieset bħala l-unika għażla li setgħet tilħaq l-għanijiet.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' spejjeż, ir-rapport tal-istima tal-impatt ikkonkluda li l-ispejjeż tal-għażla biex in-nisa li jaħdmu għal rashom jingħataw il-lif ta' maternità, kienu baxxi ħafna għat-tmien Stati Membri li għadhom mhux qed jipprovdu għal dan. L-implimentazzjoni ta'

[9] L-istudju huwa disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/employment_social/gender_equality/legislation/report_draft2.pdf.

[10] Għadu mhuwiex disponibbli onlajn.

[11] L-istudju huwa disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/enterprise/entrepreneurship/craft/craft-studies/documents/social_protection_final_report_en.pdf.

din l-għażla tista' tkun newtrali għas-sigurtà soċjali jekk titħallas kompletament mill-persuni nfushom li jaħdmu għal rashom. F'dan il-każ, iż-żieda massima fil-kontribuzzjonijiet għas-sistemi ta' sigurtà soċjali tibqa' baxxa (minn 0.05 % fil-Litwanja għal 1.75 % fil-Bulgarija). Fil-prattika, l-iffinanzjar tas-sigurtà soċjali jiġi minn għejun differenti (il-kontribuzzjonijiet mill-persuni li jaħdmu għal rashom u t-tassazzjoni) u għalhekk l-ispejjeż jitqassmu bejn l-Istati Membri u l-persuni li jaħdmu għal rashom.

F'kull każ, l-impatt finanzjarju tal-miżura jista' jitnaqqas ukoll billi n-nisa li jaħdmu għal rashom jitħallew jagħżlu jekk iridux jibbenefikaw (jew le) mil-lif ta' maternità.

Fir-rigward tal-għażla biex il-konjuġi ta' għajnuna jingħataw l-istess livell ta' ħarsien bħall-persuni li jaħdmu għal rashom, l-ispejjeż għall-iskemi ta' sigurtà soċjali jistgħu jkunu newtrali mill-inqas f'żewġ każijiet: jekk jiġu mgħoddija kompletament lill-persuni li jaħdmu għal rashom permezz ta' żieda proporzjonali tal-kontribuzzjonijiet tagħhom jew jekk l-Istati Membri jagħżlu li jimponu distribuzzjoni tal-benefiċċji u l-kontribuzzjonijiet fi ħdan in-negozju tal-familja li tirrifletti l-perċentwali tad-dħul tal-persuna li taħdem għal rasha u tal-konjuġi ta' għajnuna għan-negozju tal-familja. F'dan l-aħħar każ, il-miżura tista' tkun newtrali fejn għandhom x'jaqsmu spejjeż u kontribuzzjonijiet għall-iskema ta' sigurtà soċjali.

F'kull każ, l-impatt finanzjarju tal-miżura jista' jitnaqqas ukoll billi titħalla għall-konjuġi ta' għajnuna l-għażla li jissieħbu (jew le) fl-iskema ta' sigurtà soċjali applikabbli għal persuni li jaħdmu għal rashom.

Ir-rapport wasal għall-konklużjoni li l-għażla li laħqet bl-aħjar mod l-għanijiet kienet proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva 86/613/KEE. Filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-għażliet possibbli għall-Istati Membri u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, l-istrateġija preferuta tinkludi:

- tiġi pprovduta l-possibbiltà ta' perjodu ta' lif ta' maternità għal nisa li jaħdmu għal rashom,
- ir-rikonoxximent tal-kontribuzzjoni tal-konjuġi ta' għajnuna għan-negozju tal-familja billi jingħataw il-possibbiltà ta' ħarsien soċjali ekwivalenti għal dak tal-imsieħba tagħhom li jaħdmu għal rashom, u
- l-għoti ta' kompetenza f'każijiet ta' diskriminazzjoni lill-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza.

## 3. ASPETT LEGALI

### Bażi legali

Fit-Trattat ta' Ruma oriġinali, l-Artikolu 119 KE ma kienx japplika għal persuni li jaħdmu għal rashom. Din is-sitwazzjoni nbidlet mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam. Il-paragrafu 3 ġdid tal-Artikolu 141 KE issa japplika għal 'kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol' u għalhekk ikopri l-persuni li jaħdmu għal rashom.

Minħabba din il-limitazzjoni fl-ambitu tal-Artikolu 119 tat-Trattat ta' Ruma, id-Direttiva 86/613/KEE ġiet adottata skont l-Artikoli 100 u 235, żewġ bażijiet legali 'residwi' li jippermettu lill-Kunsill jadotta d-direttivi għall-approssimazzjoni ta' dawn il-liġijiet tal-Istati Membri li jolqtu direttament it-twaqqif jew it-tħaddim tas-suq komuni jew meta azzjoni mill-

Kummissjoni rriżultat neċessarja biex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet tal-Komunità u t-Trattat ma pprovdiex is-setgħat meħtieġa.

Madankollu, il-proposta preżenti issa tista tiġi msejsa fuq il-bażi legali speċifika, jiġifieri l-Artikolu 141 KE.

**Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità**

L-Artikolu 2 tat-Trattat tal-KE jistipula li l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija parti mill-ħidmiet tal-Komunità Ewropea.

Il-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa f'impjieg fejn jaħdmu għal rashom hija kwistjoni ta' inugwaljanza bejn is-sessi: in-nisa mhumiex ugwali fis-sens li fejn ir-responsabbiltajiet tal-familja jidhru li għandhom impatt negattiv fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-intraprenditorija meta mqabbla mal-irġiel.

Safejn għandhom x'jaqsmu l-konjuġi ta' għajnuna, in-nuqqas ta' kopertura mis-sigurtà soċjali u n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kontribuzzjoni tagħhom għan-negozju tal-familja jagħtu lil xi negozji żvantaġġ kompetittiv inġust, għalhekk din l-inizjattiva tkun tiżgura kundizzjonijiet ekwi madwar l-Ewropa kollha.

L-UE diġà għandha fis-seħħ id-Direttiva 86/613/KEE li tkopri l-kwistjonijiet imsemmija minn din il-proposta. Strument legali tal-UE huwa l-uniku mod biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Ewropa. Il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali ferm diverġenti, b'mod partikolari dwar l-istat tal-konjuġi ta' għajnuna, jistgħu jwasslu għal żvantaġġ kompetittiv inġust tan-negozji fejn il-livell ta' ħarsien huwa aktar baxx jew ineżistenti.

Din il-proposta ma tmurx lil hinn aktar milli meħtieġ biex tiżgura li l-għan tal-inizjattiva jintlaħaq.

Id-Direttiva proposta hija strument ta' standards minimi u tistabbilixxi standards minimi bażiċi filwaqt li tippermetti lil dawk l-Istati Membri li jixtiequ jmorru lil hinn minn hekk li jagħmlu dan. B'mod partikolari, id-Direttiva mhix se tirrikjedi li l-konjuġi kollha ta' għajnuna jingħataw l-istess ħarsien ta' sigurtà soċjali bħall-persuni li jaħdmu għal rashom, iżda li l-konjuġi ta' għajnuna jistgħu, **fuq talba tagħhom**, jibbenefikaw għall-inqas mill-istess livell ta' ħarsien ta' sigurtà soċjali bħal persuni li jaħdmu għal rashom, L-Istati Membri se jibqgħu kompetenti li jistabbilixxu l-livell ta' kontribuzzjonijiet u l-arranġamenti kollha li jikkonċernaw il-benefiċċji u l-ħlasijiet, sakemm ikunu mħarsa l-preskrizzjonijiet minimali ta' din id-Direttiva.

Din il-proposta għaldaqstant tirrispetta l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, billi tittieħed fil-livell xieraq u ma tmurx lil hinn minn dak li hu assolutament meħtieġ fil-livell tal-UE biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti għall-inizjattiva.

**L-għażla ta' strument**

Billi l-għan huwa li titbiddel id-Direttiva eżistenti, direttiva hija l-aktar att legali xieraq biex isir dan.

Barra minn hekk, direttiva hija, f'kull każ, l-istrument xieraq li jiżgura livell minimu koerenti ta' ħarsien fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jippermetti li kull Stat Membru jiddeċiedi dwar l-aħjar mod biex jimplimenta r-regoli.

**It-tabella ta' korrelazzjoni**

L-Istati Membri huma obbligati jinnotifikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

**Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

Dan huwa test ta' rilevanza għaż-Żona Ekonomika Ewropea u d-Direttiva se tkun applikabbli għall-Istati Membri li mhumiex fl-UE taż-Żona Ekonomika Ewropea wara deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

## 4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit Komunitarju.

## 5. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

*Artikolu 1:*

L-Artikolu 1(1) huwa ekwivalenti għall-Artikolu 1 tad-Direttiva 86/613/KEE. Dan jistipula l-għan tad-Direttiva, jiġifieri li ddaħħal fis-seħħ il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom. Id-Direttiva tkopri biss dawk l-aspetti li għadhom mhumiex koperti mid-Direttivi 2006/54/KE u 79/7/KEE.

L-Artikolu 1(2) jistabbilixxi l-ambitu personali tad-Direttiva. Huwa l-istess bħal fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 86/613/KEE: dan ikopri l-persuni li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta' għajnuna.

L-Artikolu 1(3) jiċċara li din id-Direttiva ma tkoprix il-kwistjonijiet koperti mid-Direttiva 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista tagħhom. B'mod partikolari, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/113/KE jibqa' applikabbli għall-kuntratti ta' assigurazzjoni u servizzi finanzjarji relatati.

*Artikolu 2:*

L-Artikolu 2 jiġbor fih id-definizzjonijiet kollha tat-termini użati fid-Direttiva. Id-definizzjonijiet ta' 'persuni li jaħdmu għal rashom' u ta' 'konjuġi ta' għajnuna' huma meħuda mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 86/613/KEE. Id-definizzjoni ta' 'konjuġi ta' għajnuna' hija emendata: qed jiżdiedu l-kelmiet 'ta' għajnuna' u 'jew imsieħba għall-ħajja'. L-emenda timmira li tkopri l-persuni kollha rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali bħala 'msieħba għall-ħajja' u li jieħdu sehem b'mod regolari fl-attivitajiet tan-negozju tal-familja, irrispettivament mill-istat konjugali. Biex titneħħa kull ambigwità, 'imsieħeb' qed tinbidel b''imsieħeb fin-negozju'.

Id-definizzjonijiet ta' 'diskriminazzjoni diretta', 'diskriminazzjoni indiretta', 'fastidju' u 'fastidju sesswali' jinsiltu mil-liġi Komunitarja eżistenti u ma jitbegħdu bl-ebda mod minn strateġiji miftiehma minn qabel. Il-kunċetti ta' diskriminazzjoni diretta u indiretta u fastidju fuq bażi ta' sess u fastidju sesswali huma l-istess, *mutatis mutandis*, bħal dawk li jinsabu fid-Direttivi 2000/43/KE, 2000/78KE, 2002/73/KE, 2004/113/KE u 2006/54/KE.

Fastidju fuq bażi ta' sess u fastidju sesswali ma jseħħux biss fuq il-post tax-xogħol, iżda wkoll f'oqsma oħra tal-ħajja ta' individwu, inkluż fil-kuntest ta' attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom. Bħal fid-Direttiva 76/207/KEE u 2006/54/KE, iż-żewġ kunċetti huma definiti separatament għaliex huma fenomeni distinti. Fastidju fuq bażi ta' sess jikkonsisti fi trattament mhux favorevoli ta' persuna b'rabta mas-sess tagħha, għalkemm ma hemmx

għalfejn ikun ta' natura sesswali. Fastidju sesswali jikkonsisti f'imġiba fiżika, verbali jew mhux verbali, mhux mixtieqa, ta' natura sesswali.

*Artikolu 3:*

L-Artikolu 3(1) jistabbilixxi t-tifsira tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-għan ta' din id-Direttiva. Huwa msejjes fuq l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 86/613/KEE. Din id-dispożizzjoni tipprojbixxi kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta b'rabta mat-twaqqif, it-tagħmir jew l-estensjoni ta' negozju jew it-tnedija ta' kull forma oħra ta' attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

L-Artikolu 3(2) jagħmilha ċara li ż-żewġ forom ta' fastidju huma t-tnejn meqjusa bħala diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u għalhekk huma pprojbiti.

L-Artikolu 3(3) jindika li istruzzjoni biex wieħed jiddiskrimina bħala tali titqies diskriminazzjoni. Diġà teżisti dispożizzjoni simili fid-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE msejsa fuq l-Artikolu 13 KE u fid-Direttiva 2006/54/KE, imsejsa fuq l-Artikolu 141(3) KE u fuq l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-aċċess għall-impjieg, it-taħriġ vokazzjonali u l-promozzjoni, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

*Artikolu 4:*

Din id-dispożizzjoni tikkonċerna azzjoni pożittiva. Skont il-mudell ta' Direttivi eżistenti, b'mod partikolari d-Direttiva 2004/113/KE, din tikkonferma li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri speċifiċi biex jikkumpensaw għal ċerti żvantaġġi li jħabbtu wiċċhom magħhom individwi taż-żewġ sessi fil-qasam kopert mid-Direttiva. Dawn il-miżuri għandu jintwera li huma neċessarji, għandhom ikunu ffokati fuq l-għelba ta' żvantaġġ speċifiku u għandhom ikunu limitati fiż-żmien, billi jkunu fis-seħħ għal żmien mhux itwal milli meħtieġ biex tiġi trattata l-problema identifikata. Pereżempju, in-nisa tradizzjonalment esperjenzaw problemi akbar mill-irġiel biex jiftħu negozju b'riżultat ta' firxa ta' fatturi, inkluża d-diffikultà biex jiġbru l-kapital ta' riskju u jiksbu l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ideat kummerċjali. Filwaqt li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali x'aktarx li tgħin f'din is-sitwazzjoni, x'aktarx li waħidha ma tkunx biżżejjed biex tegħleb l-iżvantaġġi li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni temmen li din id-Direttiva ma għandhiex tipprojbixxi l-possibbiltà li jiġu introdotti miżuri biex titnaqqas id-differenza bejn is-sessi f'termini ta' intraprenditorija fl-Istati Membri u li l-Istati Membri għandhom għalhekk jitħallew jagħmlu din id-deroga mill-prinċipju ta' trattament ugwali. Naturalment, b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' azzjoni pożittiva, dawn il-miżuri jistgħu ma jispiċċawx jattribwixxu b'mod awtomatiku u mingħajr kundizzjoni vantaġġi lin-nisa meta n-nisa u l-iġiel ikunu kwalifikati.

*Artikolu 5:*

L-Artikolu 5 huwa simili tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 86/613/KEE. Il-bidla ewlenija hija l-inserzjoni tal-kliem 'jew imsieħba għall-ħajja' biex tagħmilha ċara li din tkopri l-persuni rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali bħala "msieħba għall-ħajja" tal-persuna li taħdem għal rasha, irrispettivament mill-istat konjugali.

*Artikolu 6:*

L-Artikolu 6 huwa simili tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 86/613/KEE. Id-dispożizzjoni l-ġdida tistipula li l-konjuġi ta' għajnuna għandhom, fuq talba tagħhom, jibbenefikaw għall-inqas

mill-istess livell ta' ħarsien ta' sigurtà soċjali bħall-persuni li jaħdmu għal rashom. Din ma tistipulax li persuni li jaħdmu għal rashom għandhom ikunu koperti minn xi sistema speċifika ta' sigurtà soċjali. Sempliċement tagħmilha obbligu għall-konjuġi ta' għajnuna li jkunu jistgħu, jekk jiddeċiedu hekk, jissieħbu fl-istess ħarsien ta' sigurtà soċjali applikabbli għall-persuna li taħdem għal rasha. Skont dan l-Artikolu, id-deċiżjoni jekk wieħed għandux jissieħeb jew le għandha tittieħed mill-konjuġi ta' għajnuna, u l-Istati Membri huma mitluba biss li jagħmlu l-għażla possibbli. L-Istati Membri jibqgħu kompetenti li jistabbilixxu l-livell ta' kontribuzzjonijiet u l-arranġamenti kollha li jikkonċernaw il-benefiċċji u l-ħlasijiet, sakemm ikunu mħarsa l-preskrizzjonijiet minimali ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 7:*

L-Artikolu 7 sostanzjalment jemenda l-Artikolu 8 tad-Direttiva 86/613/KEE. Skont dan tal-aħħar kif inhu fil-preżent, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk, u skont liema kundizzjonijiet, in-nisa li jaħdmu għal rashom u n-nisa ta' persuni li jaħdmu għal rashom jistgħux, matul l-interruzzjonijiet fl-attività professjonali tagħhom minħabba t-tqala jew biex irabbu t-tfal, ikollhom aċċess għal servizzi li jfornu sostituzzjonijiet temporanji u jkunu intitolati għal benefiċċji fi flus skont skema ta' sigurtà soċjali jew kull sistema pubblika oħra ta' ħarsien soċjali.

L-Artikolu 7(1) jiddikjara li n-nisa li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta' għajnuna għandhom ikunu intitolati, fuq talba tagħhom, għal lif ta' maternità kif stipulat fid-Direttiva 92/85/KEE.

Skont l-Artikolu 7(2) u (3), dan il-lif ta' maternità għandu jitħallas b'rata għall-inqas ekwivalenti għall-ħlas li wieħed jirċievi f'każ ta' mard, suġġett għal kull limitu stabbilit mil-liġi nazzjonali. Jekk il-persuna kkonċernata ma tibbenefikax minn allowance tal-mard, il-ħlas għandu jkun ekwivalenti għal kull allowance xierqa stabbilita fil-livell nazzjonali.

Biex iqis l-ispeċifiċitajiet ta' attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom, l-Artikolu 7(4) jagħti lin-nisa li jaħdmu għal rashom kemm jista' jkun l-għażla ta' servizzi ta' sostituzzjoni temporanja bħala alternattiva għall-allowance finanzjarja. Dan ikun jippermetti lin-nisa li jaħdmu għal rashom jieħdu l-lif ta' maternità tagħhom u jkomplu l-attività kummerċjali tagħhom, permezz ta' sostituzzjoni temporanja.

*Artikolu 8:*

L-Artikolu 8 huwa relatat mad-difiża tad-drittijiet li jawtorizzaw li l-obbligi skont id-Direttiva jiġu inforzati. B'mod partikolari, dan jagħti lill-persuni li jemmnu li ġarrbu diskriminazzjoni l-possibbiltà li jmexxu t-talbiet tagħhom permezz ta' proċedimenti amministrattivi u/jew ġudizzjarji biex jinforzaw id-dritt tagħhom għal trattament ugwali.

Id-dritt għal ħarsien legali huwa msaħħaħ aktar mill-possibbiltà li l-organizzazzjonijiet jitħallew jeżerċitaw dawn id-drittijiet f'isem il-vittma.

*Artikolu 9:*

L-Artikolu 9 jittratta l-kumpens u r-riparazzjoni. L-Istati Membri huma mitluba jiżguraw li hemm dispożizzjoni fil-liġi nazzjonali għal kumpens jew riparazzjoni reali u effettiva, kif inhu l-każ fid-Direttivi eżistenti msejsa fuq l-Artikoli 13 KE u 141 KE.

*Artikolu 10:*

L-Artikolu 10 jeħtieġ li l-Istati Membri jaħtru l-korpi nazzjonali għall-promozzjoni ta' trattament ugwali fl-oqsma koperti mid-Direttiva. Dan jirreplika dispożizzjonijiet simili tad-Direttivi 2000/43/KE, 2002/73/KE, 2004/113/KE u 2006/54/KE.

Jipprovdi qafas għal dawn il-korpi nazzjonali, li għandhom jaġixxu b'mod indipendenti biex jippromwovu l-prinċipju ta' trattament ugwali. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dawn il-korpi għandhom ikunu l-istess bħal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2002/73/KE – u għalhekk issa 2006/54/KE – għas-suq tax-xogħol u/jew fid-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE għall-aċċess għal oġġetti u servizzi. L-Istati Membri huma ħielsa li jipprovdu għall-istabbiliment tagħhom fil-livell reġjonali jew lokali, sakemm it-territorju kollu tagħhom ikun kopert minn arranġamenti bħal dawn.

Il-proposta għal Direttiva tistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti għal dawn il-korpi fl-Istati Membri, skont il-parametri ta' dak li diġà hu stabbilit fid-Direttivi msemmija hawn fuq.

*Artikolu 11:*

L-Artikolu 11 huwa dispożizzjoni standard dwar il-ħtieġa għat-trasparenza u biex jiżgura li t-tagħrif dwar id-dispożizzjonijiet fil-qasam kopert mid-Direttiva jinġieb għall-attenzjoni tal-persuni kkonċernati.

*Artikolu 12:*

Din id-dispożizzjoni hija klawżola standard li tistabbilixxi li t-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali ma tistax tkun il-motiv għal tnaqqis tal-livell ta' ħarsien li diġà jeżisti fil-liġi nazzjonali għall-persuni u kwistjonijiet koperti mid-Direttiva.

*Article 13*

Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-proċeduri għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ trattament indaqs. Il-proċeduri ta’ rappurtar jeħtieġu li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni [sitt snin wara l-adozzjoni] u li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sena wara.

L-impatt tad-Direttiva se tiġi għalhekk evalwata bir-reqqa u kull aġġustament meħtieġ għall-qafas legali jista' mbagħad jiġi propost f'waqtu.

*Artikolu 14:*

Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tad-Direttiva. Il-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri għandhom ġeneralment ikollhom sentejn biex jittrasponu d-Direttiva fil-liġi nazzjonali u [sentejn] addizzjonali biex jikkonformaw mal-Artikolu 6, li jittratta l-konjuġi ta’ għajnuna.

B’konformità mal-prassi miftehma reċentement, dan l-Artikolu jeħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw it-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom li jittrasponu d-Direttiva, flimkien ma’ tabella ta’ korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

*Artikolu 15:*

Din id-dispożizzjoni tirrevoka d-Direttiva 86/613/KEE mid-data stabbilita fl-Artikolu 13 għall-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri.

2008/0192 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom u li tirrevoka d-Direttiva 86/613/KEE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 141(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[12],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[13],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[14],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE tal-11 ta' Diċembru 1986 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività, inkluża l-agrikoltura, b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom, u dwar il-protezzjoni ta' nisa li jaħdmu għal rashom waqt it-tqala u waqt li qegħdin irabbu t-tfal[15] tiżgura l-applikazzjoni fl-Istati Membri tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom, jew li qed jikkontribwixxu fit-twettiq ta' attività bħal din. Safejn għandhom x'jaqsmu l-persuni li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta' għajnuna, id-Direttiva 86/613/KEE ma kinitx effettiva ħafna u l-ambitu tagħha għandu jitqies mill-ġdid, billi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess u l-fastidju jseħħu wkoll f'oqsma barra mix-xogħol bis-salarju. Fl-interessi taċ-ċarezza, id-Direttiva 86/613/KEE għandha tiġi sostitwita minn din id-Direttiva.

(2) Fil-*Pjan għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel* tagħha[16], il-Kummissjoni ħabbret li biex ittejjeb il-governanza għall-ugwaljanza bejn is-sessi, se tirrevedi l-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li mhijiex inkluża fl-eżerċizzju ta' tfassil mill-ġdid tal-2005 maħsuba biex ikun hemm aġġornament, modernizzazzjoni u tfassil mill-ġdid fejn meħtieġ. Id-Direttiva 86/613/KEE ma kinitx inkluża fl-eżerċizzju ta' tfassil mill-ġdid.

---

[12] ĠU C , p. .
[13] ĠU C , p. .
[14] ĠU C , p. .
[15] ĠU L 359, 19.12.1986, p. 56.
[16] COM(2006) 92.

(3) Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill 'Rwoli bilanċjati tan-nisa u l-irġiel għall-impjiegi, it-tkabbir u l-koeżjoni soċjali'[17], il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tqis il-bżonn li tirrevedi, jekk ikun meħtieġ, id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE biex tiżgura d-drittijiet relatati mal-maternità u mal-paternità ta' persuni li jaħdmu għal rashom u tal-konjuġi li jgħinuhom.

(4) Il-Parlament Ewropew talab b'mod konsistenti lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-Direttiva 86/613/KEE, b'mod partikolari biex ittejjeb il-qagħda tal-konjuġi ta' għajnuna fl-agrikoltura.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha *Aġenda Soċjali Mġedda: Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-Seklu 21*[18], il-Kummissjoni affermat il-ħtieġa li tieħu azzjoni dwar id-differenza bejn is-sessi fl-intraprenditorija kif ukoll biex ittejjeb ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja privata u professjonali.

(6) Diġà hemm għadd ta' strumenti legali eżistenti għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali li jkopru l-attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali[19] u d-Direttiva 2006/54/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u t-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol (tfassil mill-ġdid)[20]. Din id-Direttiva għaldaqstant ma għandhiex tapplika għall-oqsma li diġà huma koperti minn direttivi oħra.

(7) Id-Direttiva għandha tapplika għal persuni li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta' għajnuna, billi t-tnejn jieħdu sehem fl-attivitajiet tan-negozju.

(8) Id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal kwistjonijiet koperti minn Direttivi oħra li jimplimentaw il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, partikolarment id-Direttiva 2004/113/KE. B'mod partikolari, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/113/KE dwar l-assigurazzjoni u servizzi finanzjarji relatati jibqa' applikabbli.

(9) Biex tkun evitata d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, din id-Direttiva għandha tapplika kemm għad-diskriminazzjoni diretta kif ukoll għal dik indiretta. Il-fastidju u l-fastidju sesswali għandhom jitqiesu bħala diskriminazzjoni u għalhekk għandhom jiġu pprojbiti.

(10) L-Istati Membri jistgħu, skont l-Artikolu 141(4) tat-Trattat, iżommu jew jadottaw miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi, biex jagħmluha aktar faċli għas-sess li mhuwiex rappreżentat biżżejjed biex jinvolvi ruħu f'attivitajiet professjonali jew biex jevitaw jew jikkumpensaw għal żvantaġġi fil-karrieri professjonali tagħhom. Bħala prinċipju, il-miżuri maħsuba biex jiksbu l-ugwaljanza fil-prattika ma għandhomx jitqiesu li qed jiksru l-prinċipju legali ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel.

---

17 4 ta' Diċembru 2007 (Dokument SOC 385).
18 COM(2008) 412.
19 ĠU L 6, 10.1.1979, p. 24.
20 ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

(11) Fil-qasam tax-xogħol ta' min jaħdem għal rasu, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali tfisser li ma għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni b'rabta mat-twaqqif, it-tagħmir jew l-estensjoni ta' negozju jew kull forma oħra ta' attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

(12) Jeħtieġ li jkun żgurat li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bbażata fuq l-istat konjugali jew tal-familja fir-rigward tal-kundizzjonijiet għat-twaqqif ta' kumpanija bejn il-konjuġi jew l-imsieħba għall-ħajja fejn dawn ikunu rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali.

(13) Fid-dawl tal-kontribuzzjoni tagħhom għan-negozju tal-familja, il-konjuġi ta' għajnuna għandhom ikunu intitolati, fuq talba tagħhom, li jibbenefikaw għall-inqas mill-istess livell ta' ħarsien bħal persuni li jaħdmu għal rashom, taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli għal persuni li jaħdmu għal rashom, partikolarment fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet. L-Istati Membri għandhom ikunu mitluba jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħmlu din l-għażla possibbli. F'kull każ, il-livell ta' ħarsien ta' persuni li jaħdmu għal rashom u tal-konjuġi ta' għajnuna jista' jkun proporzjonali għar-rata ta' parteċipazzjoni fl-attivitajiet tan-negozju tal-familja.

(14) Il-vulnerabbiltà ekonomika u fiżika ta' persuni li jaħdmu għal rashom li jkunu qed jistennew tarbija u tal-konjuġi ta' għajnuna tagħmilha neċessarja għalihom li jingħataw id-dritt għal lif ta' maternità, li parti minnu għandu jitqies obbligatorju. L-Istati Membri jibqgħu kompetenti li jistabbilixxu l-livell ta' kontribuzzjonijiet u l-arranġamenti kollha li jikkonċernaw il-benefiċċji u l-ħlasijiet, sakemm ikunu mħarsa l-preskrizzjonijiet minimali ta' din id-Direttiva. Biex titqies il-qagħda speċifika tal-persuni li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta' għajnuna, dawn għandhom jingħataw l-aħħar għażla dwar jekk iridux jibbenefikaw jew le mil-lif ta' maternità.

(15) Biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom, in-nisa li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta' għajnuna għandhom ikunu kapaċi jagħżlu, kemm jista' jkun, bejn allowance finanzjarja u sostituzzjoni temporanja matul il-lif ta' maternità.

(16) It-titjib fl-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' għajnuna soċjali, b'mod partikolari permezz ta' inċentivi mtejba, amministrazzjoni u valutazzjoni aħjar u l-prijoritizzazzjoni ta' programmi ta' nfiq, sar ta' importanza kruċjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja għat-tul tal-mudelli soċjali Ewropej. Meta jkunu qed ifasslu l-miżuri meħtieġa biex tiġi implimentata din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għat-titjib u l-iżgurar tal-kwalità u s-sostenibbiltà għat-tul tas-sistemi ta' ħarsien soċjali tagħhom.

(17) Il-persuni li kienu soġġetti għal diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess għandu jkollhom mezzi xierqa ta' ħarsien legali. Biex jingħata ħarsien aktar effettiv, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u entitajiet legali oħra għandhom jingħataw is-setgħa li jinvolvu ruħhom fi proċedimenti, kif jiddeċiedu l-Istati Membri, jew f'isem jew b'sostenn għal kull vittima, bla ħsara għar-regoli nazzjonali ta' proċedura dwar rappreżentazzjoni u difiża quddiem il-qrati.

(18) Il-ħarsien kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess għandu jissaħħaħ permezz tal-eżistenza ta' korp jew korpi f'kull Stat Membru b'kompetenza li janalizzaw il-problemi involuti, jistudjaw is-soluzzjonijiet possibbli u jagħtu għajnuna prattika lill-vittmi. Il-

korp jew korpi jistgħu jkunu l-istess bħal dawk b'responsabbiltà fuq livell nazzjonali għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja tad-drittijiet tal-individwi, jew għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom u t-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom skont din id-Direttiva, dawn il-korpi għandhom joperaw b'mod konsistenti mal-Prinċipji ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Uniti relatati mal-istat u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali għall-ħarsien u l-promozzjoni ta' drittijiet umani.

(19) Billi l-objettivi tal-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri li jkun żgurat livell għoli komuni ta' ħarsien mid-diskriminazzjoni fl-Istati Membri kollha, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif ġie stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*
**Suġġett u ambitu**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas biex jidħol fis-seħħ fl-Istati Membri l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività li fiha jaħdmu għal rashom, jew li tikkontribwixxi għall-eżerċizzju ta' tali attività, fir-rigward ta' dawk l-aspetti mhux koperti mid-Direttivi 2006/54/KE u 79/7/KEE.

2. Din id-Direttiva tkopri l-persuni li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta' għajnuna.

3. L-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal oġġetti u servizzi u fil-provvista tagħhom tibqa' koperta mid-Direttiva 2004/113/KE.

*Artikolu 2*
**Definizzjonijiet**

1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'persuni li jaħdmu għal rashom': il-persuni kollha li jeżerċitaw attività bi qligħ għalihom stess, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali, inklużi bdiewa u membri tal-professjonijiet liberali;

(b) 'konjuġi ta' għajnuna': il-konjuġi jew, l-imsieħba għall-ħajja jew il-persuni li jaħdmu għal rashom, meta jkunu rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali, li ma jkunux impjegati jew imsieħba fin-negozju, fejn huma abitwalment, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali, jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-persuna li taħdem għal rasha u jwettqu l-istess ħidmiet jew ħidmiet anċillari.

(c) 'diskriminazzjoni diretta': fejn persuna waħda tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minħabba raġunijiet ta' sess milli hija, kienet jew tkun ittrattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli;

(d) 'diskriminazzjoni indiretta': fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika li tidher newtrali tqiegħed persuni ta' sess wieħed fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-

ieħor, sakemm tali dispożizzjoni, kriterju jew prattika ma tkunx objettivament iġġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi biex jintlaħaq dak il-għan huma xierqa u meħtieġa;

(e) 'fastidju': fejn isseħħ imġiba mhix mixtieqa li għandha x'taqsam mas-sess ta' persuna bl-għan jew bl-effett li jmur kontra d-dinjità ta' dik il-persuna, u li jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv;

(f) 'fastidju sesswali': meta titwettaq kull forma ta' mġiba verbali, mhux verbali jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali, bl-għan jew bl-effett li jmur kontra d-dinjità ta' persuna, b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

*Artikolu 3*
**Il-prinċipju ta' trattament ugwali**

1. Il-prinċipju ta' trattament ugwali jfisser li ma għandu jkun hemm assolutament l-ebda diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, kemm direttament kif ukoll indirettament, b'referenza b'mod partikolari għall-istat konjugali jew tal-familja, b'mod partikolari b'rabta mat-twaqqif, it-tagħmir jew l-estensjoni ta' negozju jew it-tnedija jew l-estensjoni ta' kull forma oħra ta' attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

2. Il-fastidju u l-fastidju sesswali għandhom jitqiesu bħala diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u għalhekk għandhom jiġi pprojbiti. Ir-rifjut ta' tali mġiba minn persuna jew is-sottomissjoni tagħha ma jistgħux jintużaw bħala bażi għal deċiżjoni li tolqot lil dik il-persuna.

3. L-istruzzjoni biex tiddiskrimina kontra persuni fuq bażi ta' sess għandha titqies bħala diskriminazzjoni.

*Artikolu 4*
**Azzjoni pożittiva**

Bl-għan li tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa, il-prinċipju ta' trattament ugwali ma għandux iżomm lil xi Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri speċifiċi biex jipprevjeni jew jikkumpensa għal żvantaġġi marbuta mas-sess.

*Artikolu 5*
**Twaqqif ta' kumpanija**

Bla ħsara għall-kundizzjonijiet speċifiċi għal aċċess għal ċerti attivitajiet li japplikaw ugwalment għaż-żewġ sessi, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet għat-twaqqif ta' kumpanija bejn il-konjuġi jew l-imsieħba għall-ħajja, meta jkunu rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali, mhumiex aktar restrittivi mill-kundizzjonijiet għat-twaqqif ta' kumpanija ma' persuni oħra.

*Artikolu 6*
**Ħarsien soċjali għall-konjuġi ta' għajnuna**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-konjuġi ta' għajnuna jistgħu, fuq talba tagħhom, jibbenefikaw għall-inqas mill-istess livell ta' ħarsien bħal persuni

li jaħdmu għal rashom taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli għal persuni li jaħdmu għal rashom.

*Artikolu 7*

**Lif ta' maternità**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li n-nisa li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta' għajnuna jistgħu, fuq talba tagħhom, ikunu intitolati għall-istess perjodu ta' lif ta' maternità kif stipulat fid-Direttiva 92/85/KEE.

2. Biex ikun żgurat li l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif hu rikonoxxut f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex jiżguraw li huma jirċievu allowance xierqa matul il-lif ta' maternità tagħhom.

3. L-allowance msemmija fil-paragrafu 2 għandha titqies xierqa jekk tiggarantixxi dħul għall-inqas ekwivalenti għal dak li l-persuna kkonċernata tirċievi f'każ li tieqaf temporanjament mill-attivitajiet tagħha għal raġunijiet marbuta mal-istat ta' saħħa tagħha jew, jekk mhux applikabbli, kull allowance ekwivalenti stabbilita mil-liġi nazzjonali, soġġetta għal kull limitu stabbilit skont il-liġi nazzjonali.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li n-nisa li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi ta' għajnuna jkollhom aċċess kemm jista' jkun għal servizzi li jfornu sostituzzjonijiet temporanji jew għal kull servizz soċjali nazzjonali eżistenti, bħala alternattiva għall-allowance msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 8*

**Difiża ta' drittijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi, inkluż, fejn l-Istati Membri jqisu li jkun xieraq, proċeduri ta' konċiljazzjoni, għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva huma disponibbli għall-persuni kollha li jqisu li ġarrbu xi telf jew ħsara minħabba li l-prinċipju ta' trattament ugwali ma ġiex applikat għalihom, anki wara li ntemmet ir-relazzjoni li fiha d-diskriminazzjoni hija allegata li saret.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra li għandhom, skont il-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu osservati, jistgħu jidħlu, għan-nom jew b'sostenn ta' min jagħmel l-ilment, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, f'kull proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv stipulat għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu bla ħsara għar-regoli nazzjonali dwar limiti ta' żmien biex issir azzjoni relatata mal-prinċipju ta' trattament ugwali.

*Artikolu 9*

**Kumpens jew riparazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jintroduċu tali miżuri fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom li huma meħtieġa biex jiġi żgurat kumpens jew riparazzjoni reali u effettiva, kif l-Istati Membri

hekk jiddeterminaw, għat-telf u l-ħsara mġarrba minn persuna b'riżultat ta' diskriminazzjoni skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, b'mod li tali kumpens jew riparazzjoni tkun dissważiva u proporzjonali għat-telf jew ħsara mġarrba. Tali kumpens jew riparazzjoni ma għandhiex tkun limitata minn limitu superjuri ffissat minn qabel.

*Artikolu 10*

**Korpi għall-ugwaljanza**

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru u jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa għal korp jew korpi għall-promozzjoni, l-analiżi, il-monitoraġġ u s-sostenn ta' trattament ugwali tal-persuni kollha mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess. Dawn il-korpi jistgħu jifformaw parti minn aġenziji b'responsabbiltà fuq livell nazzjonali għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem jew is-salvagwardja tad-drittijiet tal-individwi, jew għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħidmiet tal-korpi msemmija fil-paragrafu 1 jinkludu:

(a) l-għoti ta' għajnuna indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni biex iressqu l-ilmenti ta' diskriminazzjoni tagħhom, bla ħsara għad-drittijiet tal-vittmi u tal-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u entitajiet legali oħra msemmija fl-Artikolu 8(2);

(b) it-twettiq ta' stħarriġ indipendenti dwar id-diskriminazzjoni;

(ċ) il-pubblikazzjoni ta' rapporti indipendenti u t-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet dwar kull kwistjoni relatata ma' din id-diskriminazzjoni.

*Artikolu 11*

**Tixrid ta' tagħrif**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti li huma diġà fis-seħħ, jinġiebu permezz tal-mezzi kollha xierqa għall-attenzjoni tal-persuni kkonċernati fit-territorju kollu tagħhom.

*Artikolu 12*

**Livell ta' ħarsien**

L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandha taħt l-ebda ċirkostanza tikkostitwixxi raġuni għal tnaqqis fil-livell ta' ħarsien kontra d-diskriminazzjoni diġà applikat mill-Istati Membri fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

*Artikolu 13*

**Rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-tagħrif kollu disponibbli dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kummissjoni sa [sitt snin wara l-adozzjoni].

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fil-qosor biex jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard minn [seba' snin wara l-adozzjoni]. Fejn xieraq, dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti biex tiġi emendata din id-Direttiva.

2. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis l-opinjonijiet tal-partijiet interessati.

*Artikolu 14*
**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sentejn]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. Biex jitqiesu l-kundizzjonijiet partikolari, l-Istati Membri jista' jkollhom, jekk ikun meħtieġ, perjodu addizzjonali ta' [sentejn] biex jikkonformaw mal-Artikolu 6.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 15*
**Revoka**

B'effett minn [skadenza għall-implimentazzjoni], id-Direttiva 86/613/KEE għandha tiġi revokata.

*Artikolu 16*
**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 17*
**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |